MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 269/2012/1

**Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited (C 10538)**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-seduta tas-7 ta' Settembru, 2012 ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-avviz fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta’ Sovereign Hotels Limited ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Awwissu 2012 fejn ippremetta s-segwenti:-

“Illi nhar l-24 ta’ Lulju 2012, l-esponenti giet notifikata bl-ittra ufficcjali fl-ismijiet fuq premessi li permezz taghha d-Diretur intimat, fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, talab lill-istess esponenti sabiex thallas is-somma ta’ elfejn erba’ mija u tmienja u sebghin euro u sitta u ghoxrin centesmu (€2,478.26) rapprezentanti arretrati tal-licenzja WT/1177/1998 li ghalqet fit-30 ta’ Gunju 2001:-]

“Illi, fl-umli fehma tal-esponenti t-talba tad-Direttur intimta hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dana inter alia ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi, in linea preliminari, it-talba kif dedotta fl-itta ufficcjali promotorja hija preskritta bid-dekors tal-hames snin a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-ligijiet ta Malta).
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, billi kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-ittra ufficcjali promutorja, l-licenzja WT/1177/1998 ghalqet fit-30 ta’ Gunju 2001, l-ebda ammont ma jista jkun dovut mill-esponenti lill-intimat ghal xi perijodu sussegwenti ghall-imsemmija data;
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, jispetta unikament lid-Direttur intimat illi iressaq prova cara u tonda skond il-ligi tal-ammont minnu mitlub u tas-servizzi minnu moghtija a tenur inter alia tal-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili Kapitolu 12 tal-ligijiet ta’ Malta).
4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talba tad-Direttur intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi, inter alia mhux minnu illi l-esponenti hija debitrici ta l-istess Direttur intimat fl-ammont indikat fl-ittra ufficjali promutorja”.

U konsegwentement talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toghgobha prevja li tilqa dan ir-rikors tiddikjara illi it-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kif dedotta fl-ittra ufficjali promutorja fuq premessi hija infondata fil-

fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija. Bl-ispejjez kontra l-istess Direttur intimat.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Awwissu 2012 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar it-23 ta' Awwissu 2012.

Rat ir-risposta preliminari tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni prezentata fl-atti nhar it-22 ta' Awwissu 2012 fejn eccepixxa is-segwenti:-

"Illi fl-ewwel lok in kwantu huwa gie notifikat bir-rikors tas-socjeta rikorrenti jumejn biss ilu u cioe fl-20 ta' Awwissu huwa jiddikjara li ghandu bzonn aktar zmien sabiex jipprezenta risposta detaljata.

Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suepost, l-esponenti jirrileva li peremezz ta' rikors datat 7 ta' Awwissu 2012 is-socjeta rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti  tiddikjara li t-talba tal-esponent ghal hlas ghas-somma ta' elfejn erba mija u tmienja u sebghin euro u sitta u ghoxrin centesmu (euro 2,476.26) li saret fil-konfront taghha bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi in linea preliminari in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wara verifiki li ghamel l-esponent huwa qieghed kontestwalment mar-risposta odjerna jipprezenta Nota ta' riduzzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi sabiex jirriduci l-ammont dovut ghall-ahhar hames snin ta' qabel ma intbaghtet l-ittra ufficcjali 1847/12 ghal elf u erbgha mija u tletin euro u hames centesmi (Euro 1034.05).

Illi subbordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talba ta l-esponent ghall-hlas tal-arretrati tal-licenjza in kwistjoni kif prezentement ridotta hija gusta u timmerita konferma kif ser jigi spjegat ahjar fil-kors tal-kawza odjerna.

Illi ghal kull bon fini l-esponent jirrileva illi Gaffiero Karl f'isem The Sovereign Hotels Limtied ta' The Windsor

Terace Sliema SLM ghandu fil-pussess tieghu that license Number WT/1177/1998 Wireless Telegraphy Apparatus:

1. Motorola GM30 821LYE3599 Base Location. The Windsor Hotel Windsor Terrace, Sliema SLM 10 MALT No of Channels 1.
2. Motorola GP300 1741\ysl913 Portable No of Channels 1
3. Motorola GP300 1741YAL 908 Potable No of Channels 1
4. Motorola GP300 174LYAL 909 Potable No of Channels 1
5. Motorola GP300 1741LYAL 911 Potable No of Channels 1
6. Motorola GP300 1741LYAL 3475 Potable No of Channels 1
7. Motorola GP300 1741LYQM 351 Potable No of Channels 1

Private mobile kif jidher fl-anness Dok B."

U konsegwetnement talab sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkonferma it-talba tal-esponent fl-ittra ufficcjali numru 1847/12 ghall-hlas tas-somma kif ridotta ghas-somma ta' elf u erbgha u tletin euro u hames centesmi (€1,034.05) u tichad il-bqija tat-talbiet tas-socjeta rikorrenti.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tad-Direttur Ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha b'referenza ghall-ittra ufficcjali Nru 1847/12 tad-19 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet Id-Diretttur ghas-Servizzi Korporattivi vs Sovereign Hotels Limited (C 10538) huwa irridua it-talba tieghu ghall-hlas ta' arretrati tal-licenzja WT/1177/1998 mis-somma ta' elfejn erba mija u tmienja u sebghin euro u sitta u ghoxrin centesmu (€2,478.26) ghas-somma ta' elf u erbgha u tletin euro u hames centesmi (€1,034.05).

Semghet ix-xhieda prodotta u cioe' lil Dennis Attard Direttur ghas-servizzi Korporattivi fi hdan il-Ministeru

ghall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni u lil Ronald Azzopardi ghan-nom tas-socjeta rikorrenti.

Dennis Attard, spjega illi huwa ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar hames snin. Ikkonferma illi wara kull claim ta' renewal li kienu baghtu, hemm indikat penali ghaliex ir-renewal fil-fatt ma kinietx giet imhallsa. Il-penali hija wahda standard u tohrog mil-ligi. Kull darba li l-licenzja kienet taghlaq, huma kienu jibghatu r-renewal kif issir f'procedura normali. Ikkonferma li l-ahhar renewal li saret kienet fit-30 ta' Gunju 2001 u spjega li minkejja illi l-licenzja ma thallsitx, il-licenzja tibqa' valida u kien ghalhekk illi fil-fatt tigi mposta l-penali mil-ligi. Ikkonferma illi l-licenzja in kwistjoni giet revokata fit-3 ta' Jannar 2012. Mistoqsi x'kienet id-decizjoni biex tali licenzja giet revokata, jghid illi kien hemm cabinet memo fejn kienu gew nfurmati illi una volta ma jkunx hemm hlas ta' tliet snin konsekuttivi fuq tali permessi allura l-licenzja relattiva tigi revokata u ghalhekk il-Malta Communication Authority tirrevoka l-licenzja, naturalment bla pregudizzju ghal pagamenti dovuti lilha. Ghalhekk meta fl-ittra ufficjali taghhom jaghmlu referenza ghall-licenzja li ghalqet fit-30 ta' Gunju 2001, jghid li dan qalha illi fis-sens li ma sarux aktar pagamenti minn hemm il-quddiem. Pero' mhux illi l-licenzja tkun giet revokata. Stqarr illi sa fejn jaf hu l-ligi tistabilixxi li anki pussess semplici ta' tali apparat jirrikjedi licenzja. Qal pero li mhuwiex f'posizzjoni li jwiegeb id-domanda fis-sens li jekk hemm biss pussess u m'hemmx uzu ghandiex tithallas il-licenzja relattiva.

Ronald Azzopardi Managing Director mas-socjeta' The Sovereign Hotels jghid li ha over il-kumpanija fis-sens ta' Managing Director fis-17 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta. Fis-sena 1998 huwa kien Direttur ta' din is-socjeta' bhala silent partner. Mistoqsi jekk jafx xi haga dwar l-applikazzjoni li effettivament kien ghamel Karl Gaffiero fl-1 ta' Lulju 1998 jghid li le ma jaf xejn. Fil-fatt mill-2007 'l hawn qatt ma ra dawn ir-radios. Sa fejn jaf hu qatt ma kienu nstallati fil-lukanda. Mistoqsi mill-Qorti x'ghamel bl-ittri li kien jircievi mill-Ministeru wiegeb illi huwa qatt ma rahom. Pero' mhux qed jeskludi li effettivament kienu jaslu. Jispjega illi certi invoices fil-fatt ma jigux mghoddija

lilu, jmorru direttament lill-accounts department. Dawn l-ahhar hames snin jista' jghid illi lilu hadd qatt m'ghaddhielu xi korrispondenza rigwardanti t-talba in kwistjoni. Fil-lukanda pero' ikun kuljum filghodu. Illum il-gurnata huma ghandhom arrangament mal-Vodafone u kullhadd juza' l-mobile phones. Jghid li din is-sistema ilha nstallata zmien twil. Dwar dawn ir-radios in kwistjoni, huwa ma naf xejn dwarhom. Lanqas jaf fejn huma. Huwa qatt ma ra xi ittra mill-Ministeru fis-sens illi l-licenzja kienet qed tigi mgedda. Naturalment pero' mhux qed jeskludi li effettivament il-Ministeru baghtu dawn l-ittri. Muri d-dokument Z esebit f'dawn l-atti qal illi din l-ittra mhix intestata lilu. Fil-fatt mhi ndirizzata lil hadd partikolari. Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx ra din l-ittra jghid li le, qatt ma raha. Mistoqsi mill-Qorti jekk meta rcieva dawn id-dokumenti tkellimx mas-Sur Gaffiero, ighid li le, fil-fatt lanqas kien lahqu jahdem maghhom  u mistoqsi jekk effettivament ghamilx xi ricerki biex jara x'sar minnu dan l-apparat jghid illi lanqas m'ghamel ricerka. Mistoqsi jekk hemmx Diretturi ohra fis-Sovereign Hotel ighid illi le m'hemmx. It-tmexxija kollha tal-lukanda hija f'idejh. L-accounts department jiehdu l-azzjoni huma permezz ta' cekkijiet u jaghmlu l-pagamenti dovuti pero' naturalment ic-cekkijiet jigu ffirmati minnu. Huwa ma eskludiex li tali dokumentazzjoni mibghuta mid-direttur tas-Servizzi Korporattivi waslet fil-lukanda. Pero' ghandu ma waslitx. Qal illi fil-lukanda in kwistjoni kien hemm problemi kbar fil-passat u ghalhekk jista' jkun li meta jaraw kontijiet tal-passat, ma jaghmlux il-pagamenti. Huwa fil-fatt mhux qed jikkontesta l-fatt illi l-intimat qed jghid li ma rciviex il-hlas.

Rat id-dokument esebit mill-intimat seduta stante nhar it-3 ta' Settembru 2012 markat bhala Dok Z.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq il-provi mismugha.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ittra ufficcjali prezentata mill-intimat nhar id-19 ta' Lulju 2012 numru 1847/12 l-intimat kien qed jitlob il-hlas

ta’ arretrati ta’ licenzji u ta’ penali dovuti fuq settijiet tat-telefonija mis-sena 2002 ‘l hawn u dan fl-ammont originali ta’ elfejn, erbgha mija u tmienja u sebghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€2,478.26). Illi pero’ in segwitu huwa rriduca t-talba tieghu ghal elf u erbgha u tletin Ewro u hames centezmi (€1,034.05) rappresentanti l-arretrati u penali dovuti fuq l-istess kont tat-telefonija pero’ mis-sena 2007 ‘l hawn u cioe’ ghal dawn l-ahhar hames snin kif imsemmi fin-nota ta’ riduzzjoni prezentata mill-intimat fil-mori ta’ dan ir-rikors.

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta skond id-Direttur intimat, Karl Gaffiero ghan-nom tas-socjeta’ rikorrenti kellu f’ismu numru ta’ licenzji kif deskritti fir-risposta tieghu u r-rikorrenti li llum huwa responsabbli ghall-gestjoni tas-socjeta’ rikorrenti ma hallasx dak dovut u kien ghalhekk li pprezenta l-ittra ufficjali sabiex jithallas. Ronald Azzopardi ghan-nom tas-socjeta’ rikorrenti jghid li huwa ilu jokkupa l-kariga ta’ Direttur sa’ mis-sena 2003 u li qatt ma ra din is-sistema ta’ telefonija, u li fil-lukandi tieghu tali sistema mhix installata u ma jafx x’sar minnha. Mistoqsi jekk qattx ircieva xi kontijiet minghand l-intimat jghid li huwa qatt ma ra l-ebda kont salv l-ittra ufficjali li qed jikkontesta pero’ jghid li mhux qed jikkontesta li l-intimat seta baghat xi kontijiet u dawn ma gewx mghoddija lilu. Jghid li fil-passat il-lukanda tieghu kellha hafna problemi u ghalhekk l-accounts department hija kultant reluttanti sabiex thallas kontijiet ta’ l-imghoddi. Baqa’ jsostni pero’ li fil-lukandi tieghu ma hemmx tali installazzjoni u qatt ma kien jaf dwarha. Mistoqsi mill-Qorti jekk kellimx lil Karl Gaffiero ighid li dan m’ghandux impjegat tas-socjeta rikorrenti u kien waqaf qabel ma ha over hu u ghalhekk komuniki mieghu f’dan ir-rigward ma kellux.

Illi l-intimat illum qed jippretendi hlas ta’ arretrati ta’ hlas ta’ licenzja sa mis-sena 2007 sa illum u cioe s-somma ta’ mija u sebgha u disghin Ewro u erbghin centezmu (€197.40) ghal kull sena oltre penali ta’ hdax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) ghal kull sena li ma sarx il-hlas. Ir-rikorrenti qed jikkontesta li m’ghandux ihallas dan il-kont ghaliex huwa ma jaf xejn dwaru u li lanqas ma jaf fejn spiccat tali sistema. Ir-rikorrenti pero’ ma pprovax

ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li huwa ghamel l-almu tieghu sabiex jara x'saret minnha din is-sistema. Ronald Azzopardi bhala Direttur tas-socjeta rikorrenti huwa responsabbli ghall-kontijiet kollha li talvolta huma dovuti ghan-nom taghha. Huwa fil-fatt fix-xhieda tieghu jammetti li ma ghamelx pagament f'dan ir-rigward u li ghalhekk tali kontijiet ghadhom pendenti fir-rigward l-arretrati tal-licenzji li illum gew revokati.

Ir-rikorrenti jsostni fit-trattazzjoni tieghu li hija l-intimata li ghandha tipprova li illum il-gurnata hemm l-installazzjoni li dwarha qed jintalab il-hlas. Il-Qorti pero ma taqbilx ma din it-tesi u dan ghaliex l-intimat kull ma jrid jaghmel hu li kien hemm applikazzjoni ghal dan is-servizz, li dan gie provdut li bdew isiru l-pagamenti u li l-hlas ma baqax isir u li ghalhekk hemm bilanc. Il-Qorti fil-fatt rat li Ronald Azzopardi stess ammetta li Karl Gaffiero kien il-Managing Director tas-socjeta rikorrenti u li qatt ma cahad li kien hemm tali sistema izda ma jafx x'sar minnha. Dan l-agir illum il-gurnata jammonta ghal traskuragni minn naha tieghu u ghalhekk ghandu jwiegeb ghaliha hu.

Fir-rigward il-hlas tal-penali jinghad li skond il-ligi u cioe' l-Kapitolu 399 ma hemm xejn x'jindika li f'kaz li ma ssirx il-hlas tal-licenzja fil-hin propizju allura tigi fissata xi penali amminsitrattiva u ghalhekk tali talba fir-rigward tal-hlas ta' penali amministrattiva ser tigi michuda.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tirriduci t-talba dovuta lill-intimat fl-ammont ta' disgha mija u sebgha u tmenin Euro (€987) u cioe' l-hlas tal-licenzja fl-ammont ta' mija u sebgha u disghin Ewro u erbghin centezmu (€197.40) ghal hames snin u konsegwentement tordna li l-ittra ufficcjali numru 1847/2012 tibqa' ezekuttiva fl-ammont ridott ta' disgha mija u sebgha u tmenin Euro (€987).

L-ispejjez a karigu tar-rikorrenti."

**Rat** li l-intimat Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tad-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fejn gie premess:-

Illi permezz ta’ ittra ufficjali Nru 1847/2012 datata 19 ta’ Lulju 2012 u mahruga a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta l-esponent talab minghand is-socjeta’ Sovereign Hotels Limited il-hlas tas-somma ta’ elfejn erba’ mija u tmienja u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (Eur 2,478.26,0) dovuti bhala arretrati tal-licenzja WT/1177/1998 flimkien mal-penali relattivi kif indikat fid-dokument B anness ma’ l-istess ittra ufficjali.

Illi permezz ta’ rikors datat 7 t’Awissu 2012 is-socjeta’ Sovereign Hotels Limited ressqet l-oppozizzjoni taghha ghall-ittra ufficjali ta’ l-esponent kemm b’eccezzjoni preliminari a bazi ta’ preskrizzjoni kif ukoll permezz ta’ eccezzjonijiet fil-mertu fis-sens li allegat li s-somma mitluba mill-esponent ma kinitx dovuta ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors.

Illi in vista ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-esponent ressaq Nota fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha rriduca t-talba tieghu ghall-hlas ta’ l-arretrati tal-licenzja u tal-penali relattivi ghas-somma globali ta’ elf u erbgha u tletin ewro u hames centezmi (Eur1,034.05,0) u dan ghall-perjodu bejn it-28 ta’ Mejju 2007 u t-2 ta’ Settembru 2011.

Illi kontestwalment ma’ din in-Nota l-esponent ressaq risposta ghar-rikors tas-socjeta’ llum appellata li permezz taghha nsista li fil-mertu t-talba tieghu fl-ittra ufficjali Nru 1847/2012 ghall-ħlas tal-arretrati tal-licenzja u tal-penali relattivi kif illum ridotta hija ġusta u timmerita konferma.

Illi permezz ta’ sentenza datata 7 ta’ Settembru 2012 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet parzjalment it-talbiet ta’ l-esponent fis-sens li filwaqt li ddikjarat li l-ittra ufficjali kontestata kellha tibqa’ ezekuttiva fl-ammont ridott ta’ disgha mija u sebgha u tmenin ewro (Eur987.00,0) dovuti ghall-hlas tal-arretrati tal-licenzja ghal perjodu bejn

l-2007 u l-2011 cahdet pero' t-talba ta' l-esponent fl-istess ittra ufficjali ghall-hlas tal-penali relattivi ghal perjodu bejn l-2007 u l-2011. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

Illi l-esponent ħass ruħu aggravat bl-imsemmija sentenza, limitatament għal dik il-parti tagħha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talba tieghu fl-ittra ufficjali numru 1847/2012 ghall-hlas tal-penali relattivi ghall-licenzja WT/1177/1998 u permezz tal-preżenti l-istess esponent qed jinterponi dan l-umili appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex jitlob ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza.

Illi l-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti kien imissha laqghet u mhux cahdet it-talba tieghu fl-ittra ufficjali numru 1847/2012 ghall-hlas tal-penali relattivi ghall-licenzja WT/1177/1998 u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi effettivament l-unika raguni li a bazi taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talba ta' l-esponent fir-rigward tal-hlas tal-penali kienet li fi kliemha "fil-Kapitolu 399 ma hemm xejn x'jindika li f'kaz li ma ssirx il-hlas tal-licenzja fil-hin propizju allura tigi ffissata xi penali amministrattiva u ghalhekk tali talba fir-rigward tal-hlas ta' penali amministrattiva ser tigi michuda."[1]

Illi bir-rispett kollu din il-konkluzjoni tal-Qorti hija legalment infondata u bazata fuq applikazzjoni zbaljata tal-ligi stante li filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti rreferiet biss ghall-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ma haditx konjizzjoni u allura ma applikatx il-provvedimenti ta' l-Avvizi Legali mahrugin bis-sahha ta' dak l-istess Kap. Tant hu hekk li huwa proprju wiehed minn dawn l-Avvizi Legali msemmija li jipprefiggi l-hlas ta' penali f'kazijiet bhal dawn.

Illi nfatti l-legislazzjoni sussidjarja 399.37 intitolata Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proceduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet) fl-Artikolu 4 (1) jibda hekk:

[1] Pagna 9 tas-sentenza

"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' l-Att u tar-regolament 3, l-ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra persuna illi, ghax kellha licenza tar-radjokomunikazzjoni u tkun naqset li thallas id-dritt dovut ghat-tigdid taghha, thallas fi zmien tletin jum mill-gheluq ta' dik il-licenza jew sa dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, il-hlas tal-licenza dovut ghat-tigdid tal-licenza.

Illi pero', l-Artikolu 4 (2) jkompli hekk:

" Ma ghandha tittiehed ebda azzjoni jekk, wara li jiskadi dak il-perjodu ta' tletin jum jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, dik il-persuna thallas f' ufficcju skont ma jigi ndikat f'talba li ssirilha, fi zmien sebat ijiem minn meta tkun saritilha dik it-talba bil-miktub, penali ta' hdax-il euro u sittin centezmu (11.60) b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid ta' dik il-licenza."

Illi fil-kaz odjern u kif fil-fatt irrizulta mill-provi – is-socjeta' appellata ghal snin shah u sal-gurnata tal-lum injorat l-obbligi taghha skont il-ligi u ma hallsitx il-licenzja dovuta fuq l-apparat in kwistjoni u ghalhekk mal-arretrati tal-licenzja bdiet tizdied il-penali ta' Eur 11.60 kull sena.

Isegwi ghalhekk illi hija l-ligi stess li tipprovdi ghall-iffissar tal-penali in kwistjoni u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti f'dan il-kuntest legalment ma jregux.

Ghalhekk l-imsemmi appellant qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tirrevokaha in kwantu kienet iddikjarat li l-ligi ma tipprovdix ghall-hlas ta' penali bil-konsegwenza li cahdet it-talba tieghu fl-ittra ufficjali numru 1847/2012 ghall-hlas tal-penali ta' €11.60, u tipprovdi minflok billi tilqa' t-talba odjerna ta' l-esponent u tiddikjara li hija l-ligi stess li tipprovdi ghal tali penali u li ghalhekk dawn huma dovuti skont il-ligi, tikkonfermaha ghall-kumplament u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' Sovereign Hotels Limited.

**Rat** ir-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata Sovereign Hotels Limited li kontestwalment maghha gie ukoll presentat appell incidentali.

**Rat** li fir-risposta s-socjeta' appellata tippremetti:-

ILLI l-aggravju tal-intimat, kif dedott fir-rikors tal-appell tieghu, huwa totalment infondat fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement jimmerita illi jigi respint in toto;

ILLI, effettivament, l-intimat qieghed jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu ghall-hlas tal-penali minnu mposti, relattivi ghall-licenza numru WT/1177/1998, kif dedotta fl-ittra ufficjali tieghu bin-numru 1847/2012, maghmulha a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), fl-ismijiet fuq premessi;

ILLI, ghandu jinghad illi l-intimat, permezz tan-nota tieghu tat-22 ta' Awwissu 2012, u permezz tar-risposta tieghu tal-istess data, maghmulin fl-atti tar-rikors tal-esponenti tas-7 ta' Awwissu 2012, ceda t-talba tieghu kif dedotta fl-imsemmija ittra ufficjali in kwantu li din kienet tirreferi ghal arretrati sas-sena 2006, izda zamm l-istess talba ferma in kwantu din kienet tirreferi ghall-arretrati tal-hames snin sussegwenti, u cjoe' ghall-arretrati ghas-snin 2007 sa 2011;

ILLI l-Ewwel Qorti laqghet it-talba tal-intimat kif ridotta limitatament ghall-arretrati dwar il-hlas tal-licenza – li minnha ser isir appell incidentali permezz ta' dan l-att – izda cahdet it-talba ghal hlas tal-penali kif imposti bejn l-2007 u l-2011, ammontanti kumplessivament ghas-somma ta' €46.45;

ILLI l-appell tal-intimat huwa proprju, ghalhekk, dwar il-fatt illi l-Ewwel Qorti cahdet it-talba tieghu ghall-hlas tal-imsemmija somma ta' €46.45 rapprezentanti penali imposti minnu matul is-snin 2007 u 2008, u 2010 u 2011;

ILLI, fl-aggravju tieghu, l-intimat jistrieh fuq ir-Regolamenti ta' Avviz Legali 439 tal-2004, ossija fuq ir-Regolamenti

dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proceduri Dwar Penali u Ftehim Volontajru ta' Tilwimiet);

ILLI Regolament 4 tal-Avviz Legali sucitat jghid testwalment:

4. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' l-Att u tar-regolament 3, l-ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra persuna illi, ghax kellha licenza tar-radjokomunikazzjoni u tkun naqset li thallas id-dritt dovut ghat-tigdid taghha, thallas fi zmien tletin jum mill-gheluq ta' dik il-licenza jew sa dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, il-hlas tal-licenza dovut ghat-tigdid tal-licenza.

(2) Ma ghandha tittiehed ebda azzjoni jekk, wara li jiskadi dak il-perjodu ta' tletin jum jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, dik il-persuna thallas f'ufficcju skond ma jigi indikat f'talba li ssirilha, fi zmien sebat ijiem minn meta tkun saritilha dik it-talba bil-miktub, penali ta' hdax-il euro u sittin centezmu (11.60) b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid ta' dik il-licenza.

ILLI l-intimat jikkwota r-Regolament suriferit b'approvazzjoni fir-rikors tieghu, u jsostni li ghalhekk huwa kellu d-dritt illi jinkludi tali penali bhala parti mis-sorte fl-ittra ufficjali tieghu bin-numru 1847/2012;

ILLI, madanakollu, l-esponenti hija tal-umli fehma li l-intimat qieghed joffri nterpretazzjoni kompletament skorretta tar-Regolament sucitat;

ILLI ibda biex l-Avviz Legali 439 tal-2004 jitkellem fuq proceduri dwar penali u ftehim volontajru ta' tilwimiet, u ghalhekk certament illi m'huwiex applikabbli ghal kaz odjern, u cjoe' f'kaz fejn il-kontendenti ma dahlu fl-ebda ftehim volontrarju izda addirittura jinstabu fi proceduri litigjuzi quddiem Qorti;

ILLI, barra minn hekk, ir-Regolament sucitat jghid li persuna ghandha tletin (30) jum mill-gheluq tal-licenza sabiex thallas id-dritt dovut lill-intimat. L-istess Regolament jghid ukoll illi jekk tali persuna thallas id-dritt

imsemmi wara tali perjodu, flimkien ma’ penali ta’ €11.60, l-intimat ma jkollu l-ebda dritt illi jipprocedi ulterjorment kontra l-istess persuna fir-rigward ta’ dak id-dewmien;

ILLI huwa car u manifest, ghalhekk, illi tali penali tista’ tigi imposta mill-intimat biss bhala parti minn fethim volontarju li permezz tieghu huwa, filwaqt illi jithallas id-dritt flimkien mal-imsemmija penali, jintrabat illi ma jipprocedix ulterjorment kontra tali persuna ghal dan id-dewmien;

ILLI isegwi, ghalhekk, illi f’kaz ta’ persuna li tibqa’ ma thallasx id-dritt allegatament dovut, l-intimat ikollu d-dritt illi jiehu azzjoni ulterjuri ghal hlas tad-drittijiet dovuti lilu, izda mhux ukoll ghal hlas tal-penali, kif qed jippretendi l-istess intimat fil-kaz odjern, billi f’dak il-kaz ma jkun intlahaq l-ebda ftehim volontarju kif kontemplat fl-Avviz Legali msemmi;

ILLI ghalhekk dan ifisser illi l-intimat ma kellu l-ebda dritt illi jinkludi l-ammont rapprezentanti penali bhala parti mis-sorte mitlub fl-ittra ufficjali msemmija - kif, fil-fatt, ma nkludihomx fir-rigward tas-sena 2010 - u konsegwentment l-ammont ta’ €11.65 ghall-2007, €11.60 ghall-2008, €11.60 ghall-2010 u €11.60 ghall-2011 m’humiex dovuti lilu mill-esponenti, kif korrettement gie deciz mill-Ewwel Qorti;

Ghal dawn ir-ragunijietis-socjeta’ appellata tissottometti li l-aggravju tal-intimat huwa totalment infondat, u konsegwentement l-appell tal-istess intimat jimmerita li jigi resprint fl-intier tieghu, bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**Rat** li fl-appell incidentali l-istes socjeta’ appellata tippremetti:-

ILLI l-esponenti qieghdha, a tenur ta’ Artikolu 240 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, tinqeda bl-appell illi sar mill-intimat mis-sentenza fl-ismijiet fuq premessi ta’ nhar is-7 ta’ Settembru 2012 sabiex taghmel appell incidentali dwar din l-istess sentenza;

ILLI permezz ta’ ittra ufficjali numru 1847/2012 fl-ismijiet fuq premessi, ipprezentata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-intimat talab il-hlas tas-somma ta’ €2,478.26 rapprezentanti arretrati tal-licenza numru WT/1177/1998 li kienet ghalqet fit-30 ta’ Gunju 2001;

ILLI permezz ta’ rikors tas-7 ta’ Awwissu 2012, l-esponenti kkontestat it-talba tal-intimat kif dedotta billi sostniet illi l-istess talba kienet preskritta bid-dekors ta’ hames (5) snin, a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta), billi sostniet illi l-ebda ammont ma jista’ jkun dovut minnha lill-intimat ghal wara l-perjodu tat-30 ta’ Gunju 2001, billi sostniet illi l-intimat kellu jressaq prova cara u skond il-ligi tal-ammont minnu mitlub, u billi sostniet illi t-talba tal-intimat kienet infondata fil-fatt u fid-dritt billi hija ma kienitx debitrici tal-intimat fl-ammont indikat fl-ittra ufficjali promutorju;

ILLI permezz ta’ nota tat-22 ta’ Awwissu 2012, l-intimat irreduca l-ammont minnu mitlub ghas-somma ta’ €1,034.05, u permezz tar-risposta tieghu ghar-rikors tal-esponenti tal-istess data, huwa sostna li t-talba kif ridotta kienet gusta u kienet ghalhekk timmerita li tigi konfermata;

ILLI permezz ta’ sentenza tas-7 ta’ Settembru 2012, l-Ewwel Qorti ddecidiet ir-rikors tal-esponenti billi rreduciet it-talba tal-intimat ulterjorment ghas-somma ta’ €987, rapprezentanti arretrati tal-licenza in kwistjoni fl-ammont ta’ €197.40 ghal kull sena bejn l-2007 u l-2011, u konsegwentement ordnat li l-ittra ufficjali numru 1847/2012 tibqa’ ezekuttiva f’dan l-istess imsemmi ammont kif ridott, bl-ispejjez kontra l-esponenti;

ILLI l-esponenti hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk qieghdha tinterponi dan l-umli appell;

ILLI l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu sintetikament fis-segwenti:

(i) <u>L-ebda ammont dovut ghas-snin 2007, 2008 u 2009</u>

Ghandu jinghad illi ghar-rigward tal-arretrati mitluba mill-intimat ghas-snin 2007, 2008 u 2009, ghandu japplika l-Att Dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta) li jistipula, fl-Artikolu 3 tieghu, illi:

"bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (II) ebda persuna m'ghandha minghajr ma jkollha licenza individwali moghtija bil-miktub mill-Ministru, taghmel, tixtri, tbiegh jew ikollha fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha ebda apparat".

Ronald Azzopardi xehed quddiem l-Ewwel Qorti illi huwa kien ilu direttur tal-esponenti sa mill-2003 u li huwa ma kien jaf xejn dwar ir-radios in kwistjoni billi huwa qatt ma jiftakarhom installati fil-lukanda illi tiggestixxi l-istess esponenti, u addirittura qatt ma kien rahom;

Fil-fatt, l-imsemmi xhud kompla jsostni illi kemm kien ilu direttur hu, u cjoe' sa mill-2003, l-impjegati tal-esponenti kienu juzaw il-mobile phones, skond arrangament illi ghandha l-esponenti mal-Vodafone, sabiex jikkomunikaw ma' xurxin gewwa l-lukanda, u ghalhekk rega' sostna li huwa ma kien jaf xejn dwar ir-radios in kwistjoni;

Ghandu jinghad illi x-xhieda ta' Azzopardi, moghtija quddiem l-Ewwel Qorti, ma giet kontradetta mill-ebda xhieda jew prova ohra fil-mori tal-proceduri;

Minn din ix-xhieda, ghandu jirrizulta car daqs il-kristall illi matul l-2007, l-2008 u l-2009, l-esponenti ma kienitx ghamlet, xtrat, bieghet jew kellha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha r-radios meritu tal-licenza WT/1177/1998, u li konsegwentement ma kienx hemm il-bzonn illi jkun hemm licenza fis-sehh a tenur tal-Artikolu sucitat;

Dan ifisser, fil-fehma umli tal-esponenti, li l-ebda ammont ma jista' qatt ikun dovut minnha lill-intimat ghas-snin in kwistjoni, u li ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta, fis-sentenza appellata, nkludiet l-arretrati ghal dawn it-tlett snin kif mitluba mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu.

(ii) <u>L-ebda ammont dovut ghas-snin 2010 u 2011</u>

Ghandu jinghad illi ghar-rigward tal-arretrati mitluba mill-intimat ghas-snin 2010 u 2011, ghandu japplika l-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta) li jistipula, fl-Artikolu 30 (2) tieghu, illi:

"Ebda persuna m'ghandha, minghajr licenza individwali tar-radjokomunikazzjoni moghtija bil-miktub mill-Awtorità, tinstalla jew tuza xi apparat."

Dan ifisser, fil-fehma umli tal-esponenti, illi mill-2010 'il quddiem, is-semplici pussess ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni, bhal dak meritu tal-proceduri odjerni, ma jehtiegx licenza minghand l-intimat, izda huwa biss l-uzu tal-istess apparat illi jehtieg tal-licenza;

Effettivament, l-intimat ukoll jinterpreta l-Artikolu sucitat b'dan il-mod, kif jidher car mir-risposta minnu ntavolata ghar-rikors numru 270/2012 JAB fl-ismijiet Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni vs. Crown Hotel (C 22101) li ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Kopja tal-imsemmija risposta qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK: A;

Is-suespost ifisser illi anke jekk fil-kaz odjern jigi deciz illi l-esponenti kienet fil-pussess tal-apparat de quo - haga li, fil-fehma umli tal-esponenti, assolutament ma tirrizultax mix-xhieda ta' Ronald Azzopardi sucitata - xorta wahda ma jistax jinghad illi hemm xi ammont dovut mill-esponenti lill-intimat ghas-snin 2010 u 2011 billi mill-provi prodotti jirrizulta car u manifest, u addirittura mhux kontestat, illi l-esponenti ma kienitx qed taghmel uzu mill-apparat in kwistjoni, u li l-istess imsemmi apparat ma kienx installat fil-lukanda gestita mill-esponenti;

Dan ifisser, ghalhekk, illi l-ebda ammont ma jista' jkun dovut mill-esponenti lill-intimat ghas-snin 2010 u 2011, u li ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta, fis-sentenza appellata, nkludiet l-arretrati ghal dawn is-sentejn kif mitluba mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu.

(iii) Spejjez

L-Ewwel Qorti ddecidiet ir-rikors promutorju tal-esponenti bl-ispejjez kontra l-istess esponenti, u dan minkejja l-fatt illi filwaqt illi l-intimat kien talab is-somma ta’ €2,478.26 fl-ittra ufficjali promutorja tieghu bin-numru 1847/2012, l-Ewwel Qorti kienet iddecidiet illi kienet biss is-somma ta’ €987 illi kienet dovuta mill-istess esponenti lill-istess intimat;

Dan ifisser, essenzjalment, illi r-rikors promutorju tal-esponenti intlaqa’ fir-rigward tas-somma ta’ €1,491.26, u gie michud fir-rigward tas-somma rimanenti ta’ €987;

Fil-fehma umli tal-esponenti, u in vista tas-suespost, l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ddecidiet illi l-istess esponenti kellha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri, liema spejjez, qed jigi umilment sottomess, kellhom jirriflettu l-fatt illi kwazi zewg terzi tal-ammont mitlub fl-ittra ufficjali tal-intimat kien irrizulta, fil-mori tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, bhala wiehed li ma kienx dovut mill-istess esponenti lill-intimat.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta’ appellata qed titlob li din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-intimat nhar l-14 ta’ Settembru 2012, u tilqa` l-appell incidentali taghha b’dan illi tirriforma s-sentenza appellata b’dan illi, filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-istess Qorti cahdet it-talba tal-intimat ghal hlas tal-penali kif minnu imposti, thassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza li permezz taghha gie deciz illi l-ittra ufficjali numru 1847/2012 ghandha tibqa’ ezekuttiva fl-ammont ridott ta’ €987, u minnflok taghddi sabiex tiddeciedi illi t-talba tal-intimat kif dedotta fl-ittra ufficjali msemmija hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u li konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti lill-istess intimat, jew, alternattivament, tirreduci l-ammont imsemmi ta’ €987 b’dak l-ammont li joghgobha tillikwida din il-Qorti in linea mal-aggravji tal-esponenti, bl-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza u kif ukoll tal-prezenti istanza, inkluzi dawk ta’ l-appell incidentali interpost mill-esponenti, a karigu tal-intimat.

**Rat** ir-risposta tad-Direttur ghall-appell incidentali tas-socjeta' Sovereign Hotels Limited, fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra ufficjali Nru 1847/2012 datata 19 ta' Lulju 2012 u mahruga a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponent talab minghand is-socjeta' Sovereign Hotels Limited il-hlas tas-somma ta' elfejn erba' mija u tmienja u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (Eur 2,478.26,0) dovuti bhala arretrati tal-licenzja WT/1177/1998 flimkien mal-penali relattivi kif indikat fid-dokument B anness ma' l-istess ittra ufficjali.

Illi permezz ta' rikors datat 7 t'Awissu 2012 is-socjeta' Sovereign Hotels Limited ressqet l-oppozizzjoni taghha ghall-ittra ufficjali ta' l-esponent kemm b'eccezzjoni preliminari a bazi ta' preskrizzjoni kif ukoll permezz ta' eccezzjonijiet fil-mertu fis-sens li allegat li s-somma mitluba mill-esponent ma kinitx dovuta ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors.

Illi in vista ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-esponent ressaq Nota fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha rriduca t-talba tieghu ghall-hlas ta' l-arretrati tal-licenzja u tal-penali relattivi ghas-somma globali ta' elf u erbgha u tletin ewro u hames centezmi (Eur1,034.05,0) u dan ghall-perjodu bejn it-28 ta' Mejju 2007 u t-2 ta' Settembru 2011.

Illi kontestwalment ma' din in-Nota l-esponent ressaq risposta ghar-rikors tas-socjeta' llum appellata li permezz taghha nsista li fil-mertu t-talba tieghu fl-ittra ufficjali Nru 1847/2012 ghall-ħlas tal-arretrati tal-licenzja u tal-penali relattivi kif illum ridotta hija ġusta u timmerita konferma.

Illi permezz ta' sentenza datata 7 ta' Settembru 2012 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet parzjalment it-talbiet ta' l-esponent fis-sens li filwaqt li ddikjarat li l-ittra ufficjali kontestata kellha tibqa' ezekuttiva fl-ammont ridott ta' disgha mija u sebgha u tmenin ewro (Eur987.00,0) dovuti ghall-hlas tal-arretrati tal-licenzja ghal perjodu bejn l-2007 u l-2011 cahdet pero' t-talba ta' l-esponent fl-istess

ittra ufficjali ghall-hlas tal-penali relattivi ghal perjodu bejn l-2007 u l-2011. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

Illi l-esponent ressaq appell parzjali minn din is-sentenza fejn qieghed jitlob ir-riforma ta' parti mis-sentenza fuq imsemmija.

Illi s-socjeta' Sovereign Hotels Limited ressqet appell incidentali minn din l-istess sentenza a bazi ta' tlett aggravji.

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b'dan l-appell incidentali a tenur tal-Artikolu 181B(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghal kull buon fini permezz tal-prezenti qieghed jaghti ruhu b'notifikat b'dan l-appell incidentali.

Illi fit-tieni lok, fil-mertu, bla pregudizzju ghall-appell tieghu fuq riferit l-esponent jopponi l-aggravji tas-socjeta' appellanti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi b'riferenza ghall-ewwel zewg aggravji tas-socjeta' appellanti l-esponent jirribatti billi jirrileva illi dawn l-aggravji jirriflettu biss tentattiv ta' evazjoni ta' responsabilta' da part ital-appellanti billi jippruvaw jghawgu l-interpretazzjoni tal-ligi sabiex jippruvaw japplikawha ghall-kuntest tac-cirkustanzi partikolari taghhom.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jinsinwaw l-appellanti, irrizulta mill-provi kif anke konstatat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li s-socjeta' appellanti kellha (f'isem Karl Gaffiero ghan-nom taghha) numru ta' licenzji kif deskritti fl-atti tal-kawza, liema licenzji ma thallsux ghal numru twal ta' snin. Gie pruvat ukoll li kien hemm applikazzjoni da parti tas-socjeta' appellanti ghal tali servizz, li din l-applikazzjoni giet approvata u li nonostante dan hemm bilanc ta' hlasijiet li baqghu ma thallsux.

Illi huwa legalment insostenibbli ghalhekk l-argument tas-socjeta' appellanti li tippretendi li tkun legalment

ezonerata mill-obbligi taghha a bazi tat-traskuragni evidenti taghha billi tittanta targumenta li bejn l-2007 u l-2011 hija allegatament la ghamlet uzu, la xtrat, la bieghet, la nstallat, la uzat jew kellha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha l-apparat in kwistjoni.

Illi anzi kienet l-Ewwel Onorabbli Qorti li kkonstat li l-unika prova li ressqet is-socjeta’ appellanti kienet biss permezz ta’ certu Ronald Azzopardi, illum Direttur Manigerjali tal-Kumpanija li matul ix-xhieda tieghu hareg biss li sostanzjalment ma kien jaf xejn fuq il-mertu in kwistjoni pero’ li lanqas biss indenja ruhu jipprova jikseb xi nformazzjoni minghand il-predecessuri tieghu sabiex ikun jista’ almenu jkollu nformazzjoni konkreta dwar il-kaz.

Illi fil-fehma umli tal-esponent, kif del resto kkonkludiet l-Ewwel Qorti, irrizulta bl-aktar mod lampanti li s-Sur Azzopardi “ma pprovax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li huwa ghamel l-almu tieghu sabiex jara x’saret minnha din is-sistema.”

Illi l-fatt li konvenjentement huwa qal li ma jaf xejn, ma jistax issa jissarraf fi prova favur tieghu, ghalhekk anke l-argumenti mressqa mill-appellanti fl-appell incidentali ma jregux fis-sens li huma b’ebda mod ma ppruvaw li huma kellhomx fil-pussess taghhom ecc l-apparat in kwistjoni.

Illi jsegwi ghalhekk li dawn iz-zewg aggravji ghandhom jigu michuda.

Illi l-esponent jopponi wkoll l-argumenti mressqa mis-socjeta’ appellanti taht it-tielet aggravju li jirrigwarda l-ispejjez u dan stante li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-istess appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet altru milli gusta li ddecidiet li l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu minnhom.

Illi l-esponent jirrileva li huwa kien kostrett jirrikorri ghall-proceduri fil-Qrati minhabba n-nuqqas lampanti tas-socjeta’ Sovereign Hotels Limited li tonora l-obbligi taghha fil-hlas tal-licenzja in kwistjoni u ghalhekk l-appellanti ghandhom igorru r-responsabbilta’ shiha ghal dan anke

billi jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez kollha relatati mal-kawza odjerna.

Illi jsegwi ghalhekk li anke dan l-aggravju ghandu jigi michud.

Għal dawn il-motivi kolllha l-esponent jissottometti illi l-appell incidentali għandu jiġi miċħud u u bla pregudizzju ghall-appell imressaq minnu f'din l-istess kawza s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hija gusta u ghandha tigi konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess socjeta' appellanta.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kollha kompilati quddiem il-Qorti tal-Magistrati ("l-ewwel Qorti").

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju 2013.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell intavolat mid-Direttur Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni (minn issa maghruf bhala "d-Direttur") minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fis-7 ta' Settembru 2012 wara r-rikors tas-socjeta' appellata Sovereign Hotels Limited (minn issa maghrufa bhala "s-socjeta'") li permezz tieghu kienet qed topponi dak li ppretenda d-direttur f'ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2012. Permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali d-Direttur interpella lis-socjeta' sabiex thallas is-somma ta' elfejn erba' mija u tmienja u sebghin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€2,478.26) rappresentanti arretrati dovuti in konnessjoni mal-licenzja numru WT/1177/1998 flimkien mal-penalitajiet relattivi li l-ammont taghhom gie indikat f'dokument anness ma' l-istess ittra. Din l-ittra nharget a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' flimkien mar-risposta tal-appell ippresentat appell

incidentali. L-ewwel li ser jigi trattat l-appell principali tad-Direttur.

Fil-mori tal-proceduri d-Direttur irriduca t-talba tieghu ghas-somma totali, cioe' inkluzi l-penalitajiet, ta' elf u erbgha u tletin euro u hames centezmi (€1,034.05) rigwardanti l-perjodu bejn it-28 ta' Mejju 2007 u t-2 ta' Settembru 2011. Bis-sentenza appellata l-ewwel Qorti laqghat in parte t-talbiet tad-Direttur billi ddikjarat li l-ittra ufficjali in kwestjoni kellha tkun ezekuttiva mhux fl-ammont li talab id-Direttur fl-ittra ufficjali, lanqas fl-ammont kif gie ridott mill-istess Direttur izda fl-ammont ta' disgha mija u sebgha u tmenin euro (€987) ghall-arretrati tal-licenzja in kwestjoni ghal perjodu bejn l-2007 u l-2011. Fl-istess hin l-ewwel Qorti cahdet it-talba tad-Direttur ghall-hlas tal-penalitajiet.

Id-Direttur iddikjara li l-appell tieghu jirrigwarda biss il-parti tas-sentenza li biha giet michuda t-talba ghall-hlas tal-penalitajiet relattivi ghall-licenzja in kwestjoni. Ghalhekk l-appell tad-Direttur jirrigwarda biss ic-cahda tat-talba tieghu biex is-socjeta' tigi kundannata thallas penali ammontanti ghas-somma komplessiva ta' €46.45 cioe' €11.60 ghal erba (4) snin.

Fl-uniku aggravju tieghu d-Direttur jaghmel referenza ghar-raguni li tat l-ewwel Qorti ghala cahdet it-talba ghall-hlas tal-penali. Skond l-ewwel Qorti l-Ligi applikabbli (Kapitolu 399) ma tipprovdix ghall-imposizzjoni ta' penali fil-kaz li l-licenzja ma tithallax fil-hin. Skond id-Direttur, hawnhekk, l-ewwel Qorti applikat hazin il-ligi stante li injorat ghal kollox il-provvedimenti tal-Avvizi Legali li nhargu bis-sahha tal-istess Kapitolu 399.

L-artikolu 4(1) tal-Avviz Legali 399.37 jipprovdi testwalment - "Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 31 ta' l-Att u tar-regolament 3, l-ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra persuna illi, ghax kellha licenza tar-radjokomunikazzjoni u tkun naqset li thallas id-dritt dovut ghat-tigdid taghha, thallas fi zmien tletin jum mill-gheluq ta' dik il-licenza jew sa dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, il-hlas tal-licenza dovut ghat-tigdid tal-licenza.

Is-sub-artikolu (2) ikompli jipprovdi - “Ma ghandha tittiehed ebda azzjoni jekk, wara li jiskadi dak il-perjodu ta’ tletin jum jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista’ jippermetti, dik il-persuna thallas f’ufficcju skont ma jigi ndikat f’talba li ssirilha, fi zmien sebat ijiem minn meta tkun saritilha dik it-talba bil-miktub, penali ta’ hdax-il euro u sittin centezmu (11.60) b’zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid ta’ dik il-licenza.” L-avviz Legali in kwestjoni hu imsejjah “Regolamenti dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proceduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta’ Tilwimiet).”

Bhala fatti d-Direttur jirritjeni li s-socjeta’ ghal hafna snin naqset li thallas il-licenza fuq apparat ta’ radjukomunikazzjoni u ghal din ir-raguni giet imposta, mal-arretrati tal-licenzja, penali ta’ €11.60 ghal kull sena li fiha l-imsemmija licenza ma thallsitx. Jidher li dawn il-fatti mhux kontestati. Id-Direttur isostni li l-penali giet imposta skond l-imsemmija provedimenti tal-imsemmi Avviz Legali. Dan hu l-argument principali tad-Direttur fir-rigward tal-pretensjoni tieghu li l-ewwel Qorti applikat hazin il-ligi.
Id-Direttur ma jaghmel l-ebda sottomissjoni ulterjuri. Jidher li ghall-istess Direttur l-imsemmija artikoli huma cari u ma jimmeritawx li jigu ulterjorment spjegati. Din il-Qorti, pero’, ser tesamina l-imsemmija provedimenti u wara tali ezami, biss, jkun jista jinghad jekk il-ligi tridx li tigi imposta penali fil-kaz li l-licenzjat ma jhallax fil-hin il-licenza relattiva.

L-artikoli in kwestjoni jipprovdu basikament ghal-termini li fihom ghandhom jithallsu l-licenzji. Inoltre f’dawn l-istess artikoli, in partikolari fis-sub-artikolu (2) tissemma ukoll “penali ta’ hdax-il euro u sittin centezmu (€11.60) b’zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid ta’ dik il-licenza.” Din il-penali tissemma fil-kuntest ta’ meta l-hlas tal-licenza jsir sa certu zmien wara talba bil-miktub ghal-hlas tal-arretrati tal-licenza u tal-imsemmija penali. Jidher ghalhekk li l-penali in kwestjoni m’ghandix tigi imposta semplicement f’kazijiet ta’ nuqqas ta’ hlas tal-licenza.

F’dan ir-rigward is-socjeta’ tissottometti li l-msemmija penali hi applikabbli biss meta ikun sar ftehim volontarju dwar xi tilwima. Ovvjament it-tilwima tkun bejn id-Direttur

u xi licenzjat. Kwindi l-penali mhux applikabbli ghal kaz in kwestjoni. Ma kien hemm ebda ftehim volontarju bejn id-Direttur u s-socjeta'. Ghas-socjeta' ghalhekk il-penali tista biss tigi imposta bhala parti minn fethim volontarju. L-ghan ahhari ta' dan il-ftehim hu li d-Direttur ma jipprocedix ulterjorment kontra l-licenzjat.

Din l-interpretazzjoni tas-socjeta hi aktar logika u ragjonevoli. Din taqbel ma tali interpretazzjoni, Jekk il-licenzjat jibqa' ma jhallasx id-dritt tal-licenzja, d-Direttur ikun jista jiehu l-azzjoni ulterjuri li tippermettilu l-ligi, pero' ma jistax jitlob ukoll il-hlas tal-penali. Isegwi li fil-kaz in ezami d-Diretur m'ghandu l-ebda dritt li jimponi penali. Il-provedimenti kkwotati mill-istess Direttur ma jaghtux tali dritt.

Ghal dawn il-motivi l-appell tad-Direttur kif ibbazat fuq l-imsemmi uniku aggravju tieghu jimmerita li jigi rigettat

Kwantu ghall-appell incidentali, l-ewwel aggravju tas-socjeta' jirrigwarda l-arretrati reklamati mid-Direttur relattivi ghas-snin 2007, 2008 u 2009. Is-socjeta' tissottometti li fir-rigward ta' dawn l-arretrati hu applikabbli l-artikolu 3 tal-Att Dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jipprovdi, in generali, li hemm bzonn li ikun hemm licenza mahruga skond il-ligi f'kaz li xi persuna ikollha fil-pussess taghha apparat tar-radjukominikazzjoni. Skond is-socjeta' jirrizulta mill-provi li matul is-snin 2007, 2008 u 2009, hi ma kienitx fil-pussess ta' xi apparat u kwindi ma kienx mehtieg minnha li tkun licenzjata skond l-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 49. Skond is-socjeta' l-ammonti relattivi ghall-imsemmijasnin ma kellhomx jigi inkluzi fl-arretrati li d-Direttur qed itlob.

It-tieni aggravju tas-socjeta' jirrigwarda l-ammont li qed jitlob id-Direttur ghas-snin 2010 u 2011. Skond is-socjeta' ghall-imsemmija snin ghandhom japplikaw il-provedimenti tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta). Is-socjeta' tirrefereri ghall-artikolu 30(2) tal-istess Att li jistipula li hemm bzonn li jkun hemm licenza fil-kaz li xi hadd ikun irid jistalla jew

juza xi appararat tal-komunikazzjoni elettronika. Skond is-socjeta', fis-snin in kwestjoni hi semmai kienet biss fil-pussess ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni u ghalhekk ma kellix bzonn licenza stante li ma kienitx qed tuza l-istess apparat. Skond is-socjeta' dan il-fatt lanqas ma hu kontestat mid-Direttur. In vista ta' dawn l-aggravji s-socjeta' tikkonkludi li addiririttura ebda ammont ma hu dovut lid-Direttur bhala arretrati fil-hlas ta' licenzji.

L-ahhar aggravju tas-socjeta'jirigwarda l-kap tal-ispejjez stante li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-ispejjez kellhom jithallsu mill-istess socjeta'. Is-socjeta' ghamlet referenza hall-fatt li fil-mori tal-proceduri d-Direttrur naqqas l-ammont li kien talab l-imsemmija ittra ufficjali. Ghalhekk hu zgur li, fis-sentenza tal-ewwel Qorti, t-talba tad-Direttur ma gietx accettata fl-intier taghha u dan ifisser li parti mit-talba giet michuda. Inoltre l-ewwel Qorti stess irriducit ulterjorment l-ammont li s-socjeta' giet ikkundannata li thallas lid-Direttur. Skond is-socjeta' dan kollu kellu jigi rifless fl-ispartizzjoni fil-kap tal-ispejjez.

In effett l-ewwel Qorti kkonsidrat li l-pretensjoni tad-Direttur kienu relatati ma l-arretrati mis-sena 2007. Dawn kienu ghas-somma ta' mija u sebgha u disghin euro u erbghin centezmu (€197.40) ghal kull sena. Il-Qorti kkonstat li s-socjeta' ammettiet li ma hallsitx l-arretrati mitluba mid-Direttur. L-ewwel Qorti kkonkludiet li l-agir tas-socjeta' f'dan il-kaz jammonta ghal traskuragni.

Kif gia rivelat il-Qorti rriducit l-ammont dovut lid-Direttur L-ewwel Qorti ma tatx spjegazzjoni ghala l-ammont kien qed jigi ridott u ghala gie ridott ghas-somma li eventwalment l-ewwel Qorti ddecidiet li kellha thallas is-socjeta. Effettivament din il-kwstjoni ser tigi sorvolata b'dak li ser jigi deciz dwar l-appell incidentali.

Inoltre din il-Qorti thoss li ghandha tikkumenta li fir-risposta tieghu ghall-appell incidentali tas-socjeta', d-Direttur ma kkumentax dwar l-aggravji tal-istess socjeta'. Kull ma jissottometti, f'dan ir-rigward, id-Direttur hu li s-socjeta' ma tistax issa tippretendi li ma kienitx taghmel

uzu mill-apparat. Id-Direttur naqas ukoll li jikkummenta dwar l-applikabilita' tal-artikoli tal-ligi indikati mis-socjeta'.

Effettivament din il-Qorti thoss li dawn l-artikoli huma applikabbli. Difatti l-artikolu 3 tal-Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta hu applikabbli stante li ma jirrizultax sufficjentement li s-socjeta' kellha fil-pussess taghha, fis-snin 2007. 2008 u 2009, apparat, ghall-liema pussess kien hemm bzonn ta' licenza. Inoltre ghas-snin 2010 u 2011, ma jirrizultax sodisfacjentement li s-socjeta' kellha fil-pussess u kienet qed tiza xi apparat. Kwindi skond l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta) ma kienx hemm bzonn li jkun hemm licenza. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tas-socjeta' li ma hu dovt l-ebda ammont lid-Direttur bhala arretrati.

Din il-Qorti hi ukoll tal-fehma l-ispejez kellhom jigi spartiti bejn il-partijiet u ghalhekk il-kap tal-ispejjez kif deciz mill-ewwel Qorti ghandu jigi invalidad u ghandu jigi deciz li l-ispejjez tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri cioe' inkluzi dawk relattivi ghall-appell incidentali ghandhom jigu sopportati mid-Diretur.

In vista ta' dak kollu li gie premess l-appell principali tad-Direttur ghandu jigi michud, filwaqt li l-appell incidentali tas-socjeta' ghandu jigi akkolt. L-ispejjez kollha relativi kemm ghall-appell kif ukoll ghall-appell incidentali ghandhom jithallsu mid-Direttur.

**Ghal dawn il-motivi:-**

**Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-appell tad-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u fit-tieni lok billi tilqa l-appell incidentali tas-socjeta' Sovereign Hotels Limited u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha giet michuda t-talba tad-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ghal hlas tal-penali u**

**thassar u tirrevoka dik il-parti tal-istess sentenza li permezz taghha gie deciz illi l-ittra ufficjali numru 1847/2012 kellha tibqa' ezekuttiva fl-ammont ridott ta' €987, u minnflok tiddeciedi li t-talba tad-Direttur kif dedotta fl-ittra ufficjali msemmija hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement l-ebda ammont ma hu dovut lill-istess Direttur. Fit-tielet lok tvarja l-kap tal-ispejjez kif deciz mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti billi tordna li dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**Spejjez kollha fir-rigward tal-proceduri tal-appell jithallsu mid- Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------